MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 9/2009

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B fejn dan, wara li ppremetta:

Peress illi l-partijiet izzewgu fit-30 ta’ Marzu 1998 skond l-anness certifikat taz-zwieg hawn immarkat bhala Dokument A;

Peress illi l-kunsens tal-kontendenti mill-partijiet ikun inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Peress illi l-kunsens tal-kontendenti huwa vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg;

Peress illi l-kunsens tal-attur inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan stante illi hija qatt ma assumiet d-dmirijiet u l-obbligi tal-hajja mizzewga taghhom;

Peress illi l-kontendenti ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg is-setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed sabiex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza, sabiex jigi dikjarat null iz-zwieg tal-partijiet tat-30 ta' Marzu 1998.

Ghaldaqstant, il-konvenuta tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet fit-30 ta' Marzu 1998 skond l-anness certifikat taz-zwieg huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi a tenur tal-Att taz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' C D fejn din eccepiet:

Illi l-esponenti ma topponix ghat-talba sabiex iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi pero' minhabba ragunijiet imputabbli lill-attur.

Illi in effetti, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-attur izzewweg lill-esponenti ghall-flus u waqt iz-zwieg wera ruhu pussessiv fuqha b'mod esagerat b'tali mod illi wera li kien afflitt minn anomalija psikologika.

Illi ghalhekk qieghed jigi umilment sottomess illi z-zwieg ghandu jigi dikjarat null minhabba dak li jiddisponu l-artikoli 19(1)(d) tal-Kap. 255 u cioe' illi kunsens tal-attur kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; jew alternattivament u minghajr pregudizzju, minhabba li l-kunsens tal-attur kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu kif jiddisponi l-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255.

Illi konsegwentement, l-esponenti m'ghandhiex tbati spejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu ta' eta' pjuttost zghira wara gherusija ta' hames snin. Miz-zwieg taghhom twieled iben. Illum, ir-rikorrenti qieghed f'relazzjoni ohra u qed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita' ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors promotur. L-intimata, li issa hija ukoll qieghda f'relazzjoni ohra, taqbel li z-zwieg null, pero' ghal ragunijiet ohra. Ma ressqet ebda kontro-talba. Bhala provi f'din il-kawza, il-partijiet ressqu l-affidavit taghhom u tal-genituri taghhom rispettivi.

L-ewwel kawzali li jressaq ir-rikorrenti hija l-qerq. Il-Qorti ma ssib ebda hjiel ta' qerq fil-provi prodotti. Ir-rikorrenti donnu qed jifhem li martu qarrqet bih ghaliex izzewget biss biex tkun tista' titlaq mid-dar. Dan kollu martu tichdu. Il-fatti ma jsostnux din l-allegazzjoni. Hu jghid li martu dejjem kellha hsieb titlaq. Il-fatti pero' juru li ghexu flimkien ghal seba' snin, kellhom tifel u l-mara telqet meta bdiet relazzjoni ma' ragel iehor.

Ir-rikorrenti jinvoka ukoll is-subinciz 1(d) tal-Art. 19 tal-Kap. 255 li jipprovdi ghal dikjarazzjoni ta' nullita':

"*Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*"

Din il-kawzali giet estensivament studjata minn dawn il-Qrati tul is-snin. Dan l-insenjament gie kristalizzat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Janet Portelli vs Victor Portelli**", (deciza fl-14 ta' Awissu, 1995):

"*It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (<u>autonomia</u>) from all force from within.*"

Kif ukoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo**", (deciza fis-26 ta' Ottubru, 2000):

"*Fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi minn dik il-fakolta' kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta'*

*gudizzju (ara, "***Emanuel D v. Carmen D***", P.A., 10/11/95). Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ("***Selina-Maria Vella Haber v. A Gatt***", P.A., 15/4/96). Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19(1)(d) irid ikun hemm l-inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, "***Jacqueline Cousin v. Bernard Simler***", P.A., 3/6/98; "***Rosanne Cassar v. Kenneth Cassar***", P.A., 19/10/98; u "***Carmelo Grima v. Mary Andrews***", P.A., 2/11/98)."

Fil-kaz in ezami, il-Qorti tqis li ma gietx pruvata mir-rikorrent, l-ezistenza ta' dan id-difett. Il-partijiet kienu zghar u forsi ukoll xi ftit immaturi. Madanakollu, kellhom bizzejjed dehen biex jahdmu sfiq ghall-ghanijiet taghhom. Xtraw dar. Issellfu l-flus biex ilestuha. Iddedikaw l-gherusija ghal dan il-ghan. Dan wahdu ma jimportax essenzjalment xi difett, wisq anqas xi anomalija psikologika.

Ir-rikorrent jindika ukoll is-subinciz 1(f) tal-Art. 19 li jipprovdi ghal dikjarazzjoni ta' nullita':

"*Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.*"

F'dan il-kuntest, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Raymond Cassar vs Anne Cassar nee' Busuttil**", (deciza fil-31 ta' Mejju, 2004):

"*Biex l-attur jirnexxielu jipprova din l-allegazzjoni huwa necessarju ghalih li jressaq provi konkreti u sufficjenti, li jissodisfaw debitament il-Qorti li, fuq bilanc ta'*

*probabilitajiet, it-tezi tieghu tirrispekkja l-verita'. Semplici suspetti jew suppozizzjonijiet u kongetturi, ma humiex bizzejjed biex igibu fix-xejn il-prezunzjoni li l-kuntratt taz-zwieg li sar bejn il-partijiet sar validament. Fi kliem iehor, l-attur hu obbligat li jipprova sodisfacentement li fil-mument li l-konvenuta tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg, hija ghamlet dan semplicement b'mod biss estern, apparenti u formali. Huwa obbligat li jipprova ukoll li l-konvenuta, b'att pozittiv tal-volonta' taghha, fil-verita' cahdet totalment li taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg (simulazzjoni totali) jew almenu cahdet li taghti l-kunsens matrimonjali taghha billi b'att pozittiv tal-volonta' taghha eskludiet a priori xi element essenzjali tal-hajja mizzewga (simulazzjoni parzjali). Jekk l-attur ma jaghmilx din il-prova b'mod sodisfacenti fuq bilanc ta' probabilitajiet, allura t-talba tieghu ghall-annullament taz-zwieg in kwistjoni ma tkunx tista' tintlaqa' billi actore non probante reus absolvitur.*"

U fil-kawza "**Josette Spiteri nee' Scicluna vs George Spiteri**", (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Frar, 2001):

"*Dana d-difett – is-simulazzjoni tal-kunsens – gie ezaminat f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti (ara, inter alia, "Anna Galea vs. John Walsh", (30 ta' Marzu, 1995) u "Dr. Stephen Muscat vs. Maria Borg Grech", (14 ta' Awissu, 1995). Biex jirrizulta dana d-difett irid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi f'kawzi civili, li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-parti in kwistjoni (jew iz-zewg partijiet jekk l-allegazzjoni tkun fil-konfront tal-kunsens tat-tnejn) tkun eskludiet b'att pozittiv tal-volonta' iz-zwieg innifsu jew element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg.*"

Imbaghad fil-kawza "**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**", (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April, 2009):

"*Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b'att posittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg*

*(simulazzjoni totali), jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – ara f'dan is-sens* ***Muscat vs Borg Grech noe****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awwissu, 1995. Kif jinghad ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb "Il consenso nel matrimonio canonico" (Ediz. 1968 pagna 92),*
*"Nell'animo del nubente, perche' si abbia simulazione... occorre che vi sia non un'assenza della volonta' matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta' di escludere." "*

Il-provi prodotti ma jsostnu xejn mill-allegazzjoni ta' eskluzjoni kif konsistentement interpretata minn dawn il-Qrati.

Fl-ahharnett, ir-rikorrenti jsemmu l-vizzju ta' kunsens ravvizat fl-Art. 19(1)(h). Ma ngabet ebda prova ta' dan. L-ebda wiehed mill-partijiet ma kellu xi mankanza ta' setgha intellettwali, wisq u wisq anqas ta' rieda.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------